IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

15 ta' Novembru 2017
95/2017

# DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2018

Ir-regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2018 - 2019 ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org. B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,529 post vakanti. L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru, jew onlajn mil-lum, l-Erbgħa 15 ta' Novembru 2017, jew f'waħda mid-diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru 2017 u Frar 2018 kif indikat fir-regolamenti. Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja. Lista tad-dokumenti meħtieġa, il-ġranet meta wieħed għandu japplika u aktar dettalji huma mniżżla fir-regolamenti.

Għas-sena skolastika li għadha kif bdiet (2017 - 2018), fl-iskejjel tal-Knisja applikaw 3,722 student li minnhom ġew milqugħa 1,715 fid-diversi livelli. It-talba kienet aktar mid-doppju tal-postijiet kollha disponibbli fl-Iskejjel tal-Knisja.

Skont kif spjegat fir-regolamenti li għadhom kif ġew ippubblikati, f'Novembru ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju: tfal li huma fi djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati li jaħdmu fi skola tal-Knisja, aħwa li għandhom ħuthom fi skola tal-Knisja, transfers bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, dawk eżentati mill-attendenza u tfal li qegħdin fi skejjel tal-Knisja bla kontinwità.

F'Jannar u Frar 2018 jintlaqgħu l-applikazzjonijiet ta' applikanti oħra li jew għadhom ma bdewx jattendu skola jew qed jattendu skola tal-Istat jew skola indipendenti.

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jinforma li mis-sena skolastika 2018 - 2019 il-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Ħal Balzan ser jintroduċi s-sistema tal-koedukazzjoni. Dan ifisser li d-dħul ta' tfal fil-Kinder 2 ser ikun għas-subien kif ukoll għall-bniet.

Is-Segretarjat jinforma wkoll li ġie deċiż li mis-sena skolastika 2018 - 2019, is-Seminarju tal-Arċisqof u s-Sacred Heart College jitqiesu bħala skejjel tal-istess entità reliġjuża peress li t-tmexxija taż-żewġ skejjel taqa' taħt ir-responsabilità tal-Arċisqof.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2018 - 2019 huwa kif ġej:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet | Total Postijiet Vakanti |
|---|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 75 | 94 | 169 |
| It-tieni sena kindergarten | 86 | 343 | 429 |
| L-ewwel sena primarja | 380 | 237 | 617 |
| L-ewwel sena sekondarja | 267 | 47 | 314 |
| **TOTAL** | 808 | 721 | 1,529 |

Ser jiġu allokati wkoll numru ta' postijiet lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet serji u li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet serji jinkludu tfal li għandhom jew ser ikollhom bżonn l-għajnuna ta' LSA, każijiet soċjali u każijiet ta' tfal refuġjati. Il-każijiet serji jsegwu proċess parallel għall-applikazzjonijiet l-oħra u jibdew jintlaqgħu f'Novembru 2017 għal dawk tal-ewwel kriterju u f'Jannar 2018 għall-applikazzjonijiet oħra. Dawk li ser japplikaw f'dan il-kriterju għandhom isegwu l-istruzzjonijiet ippublikati fir-regolamenti tal-Każijiet Serji fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**